# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

S.T.O. PRIM IMHALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.-
PRESIDENT

ONOR. IMHALLEF DR JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

ONOR. IMHALLEF DR GIOVANNI M. GRIXTI LL.D.

Appell Nru. 7/2019

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

***-Omissis-***

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2023

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzati George Degiorgio, Alfred Degiorgio u *omissis* quddiem il-Qorti Kriminali permezz tal-Att ta' Akkuza li jgib in-numru 07/2019 tas-16 ta' Lulju, 2019 bis-segwenti kapi:

**L-Ewwel Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, bil-hsieb li joqtlu lil Daphne Caruana Galizia jew li jqeghdu l-hajja taghha f'periklu car ikkagunawlha l-mewt;

**It-Tieni Kap**:  Kap: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017), f'dawn il-gzejjer u senjatament fil-Bidnija, limiti tal-Mosta, ghall-habta tat-tlieta ta' wara Nofsinhar (15:00hrs), dolozament, b'sustanza esplossiva, ghamlu esplozjoni li setghet tqieghed f'perikolu l-hajja ta' haddiehor jew taghmel hsara gravi lil hwejjeg haddiehor, b'dana illi effettivament persuna (is-Sinjura Daphne Caruana Galizia) tilfet hajjitha;

**It-Tielet Kap** : talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamlu jew xjentement zammew jew kellhom ghandhom jew taht il-kontroll taghhom xi sustanza espoziva, taht dawk ic-cirkostanzi illi jaghtu ghaliex wiehed ghandu bir-ragun jahseb illi huma ghamluha, zammewha, jew kienet ghandhom ghal hiseb mhux lecitu;

**Ir-Raba Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel, f'Malta assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni

f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija;

**Il-Hames Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw, jew iffinanzjaw ghaqda bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar;

**Is-Sitt Kap**: talli nhar is-Sittax (16) t'Ottubru tas-sena Elfejn u Sbatax (2017) u fil-granet, gimghat, u xhur ta' qabel waqt li kienu jafu jew kellhom kawza ragonevoli li jissuspettaw dwar l-ghan jew l-attivita' b'mod generali ta' ghaqda stabbilita bil-hsieb li jitwettqu reati kriminali soggetti ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien erba' snin jew aktar, ippartecipaw b'mod attiv fl-attivitajiet kriminali tal-ghaqda, inkluzi izda mhux limitati ghall-ghoti ta' informazzjoni jew ta' mezzi materjali jew ir-reklutagg ta' membri godda;

Rat **is-sentenza** tal-Qorti Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2022 li biha sabet lill-akkuzati hatja u recidivi fl-akkuzi kollha dedotti kontra taghhom u kkundannathom ghall-perjodu ta' erbghin (40) sena prigunerija kull wiehed kif ukoll ghall-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf, disa' mija u tletin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€42,930.73), kull wiehed, liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien tlett snin mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas li jsir il-hlas fit-terminu koncess, ikunu konvertiti fi prigunerija skond il-ligi. Inoltre fit-termini tal-artikolu 23B tal-Kodici Kriminali ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat gej

mir-reat ammontanti ghas-somma ta’ hamsin elf ewro kull wiehed;

Rat **ir-rikors tal-appell** tal-Alfred Degiorgio u George Degiorgio pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti fit-3 ta’ Novembru, 2022 bis-segwenti talbiet:

> “Ghaldaqstant l-esponenti, filwaqt li qed jinterponu appell kemm mill-ordni tal-14 ta’ Ottubru 2022 kif ukoll mis-sentenza finali, it-tnejn ta’ l-Onorabbli Qorti Kriminali moghtija fl-14 ta’ Ottubru 2022, dejjem fl-ismijiet **Repubblika ta’ Malta kontra George Degiorgio u Alfred Degiorgio u Omissis**, u dan wara li rat l-akkuzi gia msemmija, l-Artikoli tal-ligi gia imsemmija, u l-atti kollha relattivi, l-esponenti jaghmlu referenza ghall-atti relattivi u ghal kwalunkwe prova li tkun tista’ tigi prodotta fl-istadju tal-appell skond il-Ligi, u ghall-inkartament kollu ta’ dan il-kaz, u jitolbu bir-rispoett illi din l-Onorabblil Qorti joghgobha tirrevoka ossia tannulla s-sentenza hawn appellata, u li tordna s-smigh mill-gdid tal-guri fil-konfront tal-esponenti”;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali ipprezentata fir-registru ta’ din il-Qorti fit-2 ta’ Jannar, 2023 li biha ddikjarat li ghar-ragunijiet fiha premessi, din il-Qorti ghandha tirrespingi l-aggravji kollha ta’ l-appellanti u konsegwentement tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha;

Rat id-digriet taghha tas-17 ta’ Mejju 2023 li bih cahdet it-talba tal-appellanti sabiex iressqu provi awdjo-vizivi mehuda minn barra l-bini tal-Qorti biex jippruvaw l-allegata inabilita’ tal-akkuzat Alfred Degiorgio fl-ammissjoni tieghu;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2023 li bih cahdet it-talba tal-appellant li biex din il-Qorti terga' tqis id-decizjoni taghha tas-17 ta' Mejju, 2023;Semghet lill-abbli difensuri tal-appellanti u lill-abbli prosekutur;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat:

**Fatti tal-kaz:**

1. Illi l-fatti tal-kaz in succint li taw lok ghal dan l-appell huma li l-akkuzati tressqu quddiem il-Qorti Kriminali bl-akkuza tal-omicidju ta' Daphne Caruana Galizia u l-akkuzi l-ohra li jidhru elenkati fid-dahla ta' din is-sentenza. Id-difensur tal-akkuzati li kien ilu jassistihom sa mill-inizzju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja kien irrinuncja ghall-patronicju taghhom qrib id-data tac-celebrazzjoni tal-guri u ghalhekk il-Qorti Kriminali assenjat Avukati tal-Ghajnuna Legali sabiex jassistu lill-akkuzati b'dan illi wiehed mill-akkuzati imbarka fuq mizura ta' astinenza minn ikel u xorb bil-konsegwenza li d-data tal-guri kellha tkun rimandata. Sussegwentement fid-data appuntata ghas-smigh inghata bidu ghac-celebrazzjoni tal-guri b'dan illi wara li kienu mistoqsija xi jwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom wiegbu li ma kienux hajta, l-Qorti ghaddiet bil-polza tal-gurati u sussegwentement bl-indirizz preliminari taghha lill-gurija;

2. Gara, izda, illi wara l-indirizz preliminari tal-Imhallef li kienet qed tippresjedi l-guri u fil-mori tal-waqfien ghall-ikel, l-akkuzati lahqu ftehim ta' patteggjament mal-Avukat Generali u ghaddew biex jirregistraw ammissjoni

nkondizzjonata għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom. Bl-appell odjern, l-appellanti jallegaw illi wieħed minnhom, Alfred Degorgio, kien fi stat ta' saħħa fqira tali li llum iqis l-ammissjoni tiegħu bħala waħda vizzjata. Oltre dan, iż-żewġ akkużati jallegaw illi l-avukat tal-għajnuna legali lilhom assenjati ma kellhomx ħin bizzejjed sabiex iħejju għad-difiża tagħhom. L-appellanti għalhekk issa qed jillanjaw id-deċiżjoni tal-ewwel Qorti li ordnat il-prosegwiment tal-ġuri bl-assistenza tal-Avukati tal-Għajnuna Legali kif ukoll is-sentenza nnifisha kwantu bżata fuq ammissjoni vizzjata;

**L-aggravji**:

3. B'mod ġenerali, l-akkużati jillanjaw il-validita' tal-proċeduri li wasslu għad-deterinazzjoni ta' dan il-ġuri bil-konsegwenza li s-sentenza appellata għandha tkun dikjarata nulla. Fis-sostanza, iżda, l-appellanti iressqu żewġ aggravji, bl-ewwel wieħed jikkonċerna liż-żewġ akkużati u dirett lejn id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali li biha ordnat il-prosegwiment tal-ġuri bl-assistenza tal-avukati tal-Għajnuna Legali. It-tieni aggravju, imbagħad, fl-ewwel parti tiegħu tolqot liż-żewġ akkużati u fit-tieni parti tolqot biss lill-akkużat Alfred Degiorgio;

**L-ewwel aggravju**:

**<u>Appell mill-ordni tal-ewwel Qorti tal-14 ta' Ottubru 2022 li bih ordnat il-prosegwiment immedjat tal-ġuri u biex l-avukati tal-Għajuna Legali jibqgħu jassistu lill-akkużati bħala d-difiża tagħhom</u>**.

4. F'dan l-aggravju l-appellanti jillanjaw l-ordni tal-Qorti Kriminali tal-14 t'Ottubru, 2022, ossia id-digriet taghha, li bih ordnat il-prosegwiment tal-guri u sabiex l-avukat tal-Ghajnuna Legali jibqghu jassistu lill-akkuzati. Kif ser jirrizulta mir-rassenja tal-verbali tal-Qorti Kriminali, l-Avukati tal-Ghajnuna Legali nominati mill-Qorti Kriminali sabiex jassistu lill-akkuzati ghamlu diversi talbiet sabiet il-guri jkun differit minhabba li ma kellhomx bizzejjed zmien sabiex ihejju ghad-difiza tal-akkuzati bil-volum ta' dokumenti li kien jehtigilhom jezaminaw;

5. Bi twegiba ghal dan l-aggravju, l-Avukat Generali jallega li dan huwa biss "*prezunt Appell*" u huwa wiehed insostenibbli ghaliex minkejja li l-artikolu 415(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi li appell minn digriet interlokutorju jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva flimkien mal-appell mis-sentenza, imkien fir-rikors tal-appell ma hemm talba ghar-revoka jew ir-riforma ta' dan id-digriet anke jekk l-intestatura tal-aggravju tghid li huwa appell dwar dan l-ordni. Fis-sottomissjonijiet orali tieghu, l-abbli Deputat Avukat Generali jiccara illi ghalhekk mhux qed jissolleva n-nullita' tar-rikors tal-appell f'dan ir-rigward, xorta wahda ma hemmx talba li biha l-Qorti tista' tghaddi ghar-revoka jew riforma tad-digriet lamentat;

6. Illi qabel kull konsiderazzjoni ohra, stante li r-rikors tal-appell huwa bi kritika dwar dak li sehh mid-data li fih kien appuntat il-guri sal-jum tas-sentenza kif ukoll illi fl-appell taghhom l-akkuzati jghaddu in rassenja bhala fatti l-istanzi li wasslu ghas-sentenza appellata minn dak iz-zmien

meta l-avukat ta' xelta taghhom irrinunzja ghall-patroncinju, l-Qorti hi tal-fehma illi jkun opportun li ssir din ir-rassenja min-naha taghha bhala stadju necessarju ghall-kunsiderazzjonijiet li jmiss. Is-segwenti huma ghalhekk l-episodji li l-Qorti tqis l-aktar rilevanti:

**L-*iter* processwali:**

i. Fl-udjenza tat-8 ta' Lulju 2022 li fiha kienu prezenti z-zewg akkuzat assistiti mill-avukat Dr. William Cuschieri, il-Qorti Kriminali, kienet mitluba mid-difiza sabiex tirrinvija l-atti lill-Qorti Istruttorja minhabba allegat zvilupp fl-investigazzjoni dwar il-qtil ta' Daphne Caruana Galizia. Wara li l-Qorti semghet ix-xiehda tas-Supretendent Keith Arnaud, ddisponiet mit-talba billi astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha kwantu kienet wahda superfluwa u stradat il-kawza billi appuntat s-smigh tal-guri ghall-5 ta' Settembru, 2022 fid-9am;

ii. Fid-19 t'Awissu, 2022 l-Avukat William Cuschieri prezenta nota li biha nforma lil-Qorti Kriminali li kien qieghed jirrinunzja ghall-patroncinju tal-akkuzati George u Alfred ahwa Degiorgio;

iii. Fl-istess jum, il-Qorti Kriminali appuntat seduta ghas-smigh b'urgenza ghal nhar l-24 t'Awissu, 2022 "*fejn l-akkuzati ghandhom jidikjaraw min ser ikun l-avukat li ser jippatrocinahom fil-guri li se jibda fil-05 ta' Settembru, 2022. / Tordna li ghas-seduta jattendi ukoll l-avukat tal-ghajnuna legali li huwa addett fl-Agenzija tal-Ghajnuna Legali li jiehu hsieb il-gurijiet*";

iv. Fl-udjenza tal-24 t'Awissu, 2022, l-akkuzati nfurmaw lill-Qorti "*li huma qed isibu diffikulta' biex jinkarigaw avukat ta' fiducja taghhom billi ghalkemm ikkomunikaw ma' diversi avukati ghadhom ma sabux avukat li lest jaccetta l-inkarigu*". Il-kawza kienet differita ghas-26 t'Awissu b'dan illi l-Qorti tat zmien sa dakinhar sabiex l-akkuzati jiddikjaraw finalment jekk irnexxilhomx isibu avukat ta' fiducja taghhom biex jirraprezentahom fil-guri u fin-nuqqas, il-Qorti se tahtar avukat hi stess biex jassistihom.

v. Fl-udjenza tas-26 t'Awissu, 2022 l-akkuzati nfurmaw lill Qorti li aktarx sabu avukat li kien jirrapprezentahom izda ma kinux certi li dan kien lest li jassumi l-patroncinju. Ghalhekk il-Qorti ddifferiet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-31 t'Awissu.

vi. Il-parti dispositTiva tal-verbal tal-udjenza tal-31 t'Awissu, 2022 hija hawn riprodotta:

*Il-Qorti semghet lill-akkuzati jiddikjaraw illi huma ghandhom diffikulta biex iqabbdu avukat tal-ghazla taghhom*

*Iddikjaraw illi ghalkemm avvicinaw diversi avukat sabiex jassistuhom fil-guri hadd ma ried jaccetta dan l-inkarigu.*

*Il-Qorti fid-dawl ta' dawn ic-cirkustanzi ghalhekk qeghda tahtar hija stess avukat sabiex jassiti lill-akkuzati fil-guri.*

*Il-Qorti qeghda tahtar lil Dr. Simon Micallef Stafrace prezenti fl-awla u qeghda tordna wkoll lill-Kap tal-Agenzija tal-Ghajnuna Legali sabiex jahtar* ***avukat iehor biex jassisti lill-akkuzati sabiex jindika lill-Qorti avukat iehor sabiex jassisti lill-akkuzati*** *u dan fi zmien jumejn mil-lum.*

*Il-Qorti tordna lil Dr. William Cuschieri minnufih jirritorna l-inkartament li huwa giex moghti mill-Qorti meta l-akkuzati gew notifikat bl-att tal-akkuza.*

*L-akkuzati jiddikjaraw illi huma xorta wahda jinsistu li jkollhom avukat tal-ghazla taghhom u jiddikjaraw illi billi l-avukat Dr. Simon Micallef Stafrace mhuwiex avukat tal-ghazla taghhom huma m'humiex disposti li jikkomunikaw mieghu.*

*Il-kawza differita ghall-guri ghall-4 ta' Ottubru, 2022 fid-9.00am.* **[sottolinear ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali]**.

vii. B'digriet tal-Qorti tat-2 ta' Settembru, 2022, wara nota mill-Ufficcjal Anzjan tal-Ghajuna Legali l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace u Dottor Martin Matthew Farrugia kienu ufficjalment mahtura sabiex jassistu lill-akkuzat;

viii.Fit-28 ta' Settembru, 2022 l-Avukat Dottor Simon Micallef Stafrace, allura issa fil-vesti tieghu ta' avukat tal-Ghajnuna Legali mahtur biex jassisti lill-akkuzati, pprezenta rikors sabiex jinghata aktar zmien biex ihejji d-difiza tieghu wara li nvoka l-Artikolu 6(3)(b) tal-

Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikou 39(6)(b) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, ccita diversi sentenzi tal-Qorti ta' Strasbourg, rrileva li hemm aktar minn 15,000 pagna f'atti processwali, ammont kbir ta' provi ta' natura xjentifika, li l-kaz huwa wiehed ta' profil gholi, li hu stess ghandu diversi klijenti ohra, sia fir-rwol tieghu ta' avukat tal-Ghajnuna Legali kif ukoll privati li jehtiegu l-assistenza tieghu bhala difensur tal-akkuzati u li l-akkuzati ddikjaraw diversi drabi mieghu li jixtiequ jkunu assistit minn avukat tal-ghazla taghhom;

ix. Illi b'digriet fl-istess jum tat-28 ta' Settembru, 2022, il-Qorti ddisponiet minn din il-talba bil-mod segwenti: "*Rat ir-rikors; Billi il-guri issa ilu zmien twil appuntat ghas-smigh bil-preparamenti ghall-istess, li jinvolvu hafna xoghol, sar ghal darba darbtejn sabiex l-akkuzat ikollu difiza xierqa, tichad it-talba*";

x. Illi l-ewwel Qorti ghamlet ukoll is-segwenti ordni fl-istess jum tad-digriet appena citat: " *Wara rappurtagg fil-gazzetta lokali li l-Akkuzat Alfred Degiorgio qieghed bi strajk tal-guh, tordna lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jinforma lil Qorti rigward il-kundizzjonijiet ta' sahha tal-akkuzat Alfred Degiorgio u ukoll x'kura medika qed jinghata lill-imsemmi Alfred Degiorgio fi zmien 24 siegha*";

xi. Illi ukoll fit-28 ta' Settebru, 2022, l-avukat mahtur bhala Ghajnuna Legali, Dr. Martin Farrugia, ipprezenta rikors identiku ghal dak mressaq minn Dr. Simon Micallef Stafrace bl-istess talba li jinghata zmien xieraq biex ihejji

d-difiza tieghu liema talba kienet michuda b'digriet tat-30 ta' Settembru, 2022 hekk: "*Wara li rat l-artikolu 438(6) tal-Kodici Kriminali billi l-akkuzati gew moghtija zmien aktar mill-20 jum indikati fil-ligi sabiex ihejju id-difiza taghhom,tichad it-talba*"

xii. Illi fit-3 t'Ottubru, 2022 il-Qorti Kriminali harget digriet li bih ordnat lid-Direttur Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti aggornament lill-Qorti rigward il-kundizzjoni medika tal-akkuzat Alfred Degiorgio fi zmien sitt (6) sighat min-notifika. In adempiment ta' dan l-Ordni kienet intavolata nota fl-istess jum tal-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi li biha l-Qorti kienet infurmata li l-akkuzat Alfred Degiorgio jinsab rikoverat l-Isptar Mater Dei u kienet mehmuza kopja tal-komunikazzjoni bid-data tat-3 t'Ottubru, 2023, dwar il-qaghda ta' sahha tal-istess (Fol 1758) bis-segwenti rimarka: "*The above mentioned patient has been admitted to hospital since Saturday 1st October 2022, after having been transferred from CCF in view of his medical condition as a result of his hunger strike which he has been sustaining for the last 7/8 days. He is still currently refusing any form of food or fluids or any treatment including intravenous fluids and intravenous antibiotics. He has been extensively informed of the risks that are encountered in his situation. Currently he is stable though as expected he is feeling weak, lethargic and dehydrated. He is fully alert and consicious and understands the gravity of the situation. He is being monitored closely at CCU at Mater Dei Hospitali*";

xiii. B'digriet tal-istess jum 3 t'Ottubru, 2022, il-Qorti hatret lil Dr. Mario Scerri bhala espert mediku sabiex jaccedi gewwa l-Isptar Mater Dei u jirraporta dwar il-kundizzjoni ta' sahha medika tal-akkuzat Alfred Degiorgio b'access ghall-file mediku tieghu u t-tobba u l-konsulenti adetti bil-kura tieghu.

xiv. Fl-istess jum tat-3 t'Ottubru, 2022, l-Avukati Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr. Martin Farrugia pprezentaw rikors ghan-nom taz-zewg akkuzati li bih, wara li nformaw lill-Qorti li kien prezentat rikors kostituzzjonali, talbu is-soprassesjoni tal-guri sakemm tkun deciza it-talba kostituzzjonali taghhom. Akkluz ma' dan ir-rikors hemm kopja tar-rikors kostituzzjonali ffirmat mill-avukat tal-Ghajuna Legali, Dr. Joseph P Bonnici kif mahtur mill-Qorti Civili;

xv. Illi b'digriet tal-istess jum, wara oggezzjoni da parti tal-Avukat Generali, l-Qorti Kriminali cahdet it-talba ghas-soprasessjoni u ordnat il-prosegwiment tas-smigh tal-kaz skond il-ligi " u dan diment li ma tkunx mizmuma milli taghmel dan b'ordni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali);

**Fil-jum appuntat ghall-guri:**

xvi. Fil-jum appuntat ghall-guri, skond il-verbal tal-Qorti Kriminali, deher biss l-akkuzat George Degiorgio assistit minn Dr. Simon Micallef Stafrace. Dr Martin Farrugia informa lill-Qorti illi l-akkuzat Alfred Degiorgio ma kienx prezenti minhabba ragunijiet ta' sahha. Wara lil ddepona

l-espert Dr. Mario Scerri (fol 1767) l-Qorti estendiet l-inkarigu tieghu u ordnatlu sabiex jibda jissorvelja l-istat ta' sahha tal-akkuzat Alfred Degiorgio u jirraporta lill Qorti kontinwament anke bil-fomm u jinformaha finalment meta jkun fi stat ta' sahha li jista' jattendi l-Qorti. Wara li hadet mizuri, inkluz li sabet lill-akkuzat Alfred Degorgio hati ta' disprezz u kkundannatu ghall-multa ta' hames mitt ewro, ddifferiet il-guri ghall-14 t'Ottubru, 2022 fid-9am;

xvii. Fit-13 t'Ottubru, 2022 l-akkuzati prezentaw rikors quddiem il-Qorti Kriminali li bih talbu s-soprassessjoni u konsegwenti sospensjoni tal-proceduri kriminali wara li kien intavolat appell mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) tal-11 t'Ottubru, 2022 li biha cahdet it-talba ghall-mizura provvizorja. Dak ir-rikors kien notifikat lill-Avukat Generali bi zmien saghtejn ghar-risposta. Dik it-talba kienet michuda (digriet fol 1784) ghall-istess ragunijiet moghtija fid-digriet tat-3 t'Ottubru, 2022;

xviii. Fl-istess jum tat-13 t'Ottubru, 2022, l-espert Dr. Mario Scerri pprezenta r-relazzjoni tieghu dwar il-qaghda tal-akkuzat Alfred Degiorgio u kkonkluda li nhar it-3 t'Ottubru ezamina lill-akkuzat gewwa s-sala CCU tal-isptar Mater Dei sab li kien *dehydrated b'sunken eyes* u ghajjien u ma kienx f'posizzjoni jattendi l-Qorti izda wara l-ezami dan beda jxrob u jiekol u llicenzja lilu nniffsu u baqa' jiekol u jixrob sat-12 t'Ottubru waqt li kien lura fil-

Facilita' Korrettiva ta' Kordin minkejja li l-istess Facilita' rregistrat li dan beda "strike" tal-guh nhar il-11 t'Ottubru, 2022. Spjega ukoll kif rega' ezamina lill-akkuzat gewwa l-Facilita fit-12 t'Ottubru migjub fuq *wheel chair* u sabu orjentat ghal lok, hin u persuna u konxju ta' dak li kien qieghed jaghmel bi pressjoni u livell taz-zokkor tad-demm normali u kkonkluda li seta' jingieb ghall-guri fl-14 t' Ottubru, 2022;

xix.B'digriet tat-13 t'Ottubru, 2022, il-Qorti Kriminali ordnat li fid-dawl tal-konkluzzjonijiet tal-espert Dr. Mario Scerri, l-akkuzat ghand "*jingieb il-Qorti bl-assistenza ta' tim mediku konsistenti f'tabib u nurse, li ghalhekk izommu lil akkuzat that sorveljanza medika*";

xx. **<u>Fl-14 t'Ottubru, 2022</u>**, il-jum li ghalih kien differit il-guri kienu registrati s-segwenti talbiet u decizjonijiet, liema verbal qed ikun riprodott fl-intier tieghu ghajr ghal dik il-parti dwar ix-xelta tal-gurati li qed tkun estromessa minn din il-Qorti stante li, fost ohrajn, mhix rilevanti ghall-kwistjoni in disamina:

Meta ssejhet il-kawza deher l-akkuzat, George Degiorgio assistit minn Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr Martin Farrugia.

Deher Dr. Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali assistit minn Dr.Giannella Busuttil.

Dehru wkoll il-parte civile assistit minn Dr Jason Azzopardi u Dr Therese Comodini Cachia.

Dr Simon Micallef Stafrace jinforma lill-Qorti li dalghodu stess kellu jigi prezentat rikors b'urgenza quddiem il-Qorti Kostituzzjonali u dan sabiex il-guri ma jinstemax illum u li sa issa ghadu ma inghata ebda digriet mill-Qorti Kostituzzjonali.

Il-Qorti in vista ta' dan il-verbal tiddikjara li kif ikun hemm ordni mill-Qorti Kostituzzjonali biex jitwaqqaf il-guri is-smigh ma jitkomplix skont dik l-ordni.

Illi d-difensuri tal-akkuzat kollegjalment jiddikjaraw illi l-atti tal-kumpilazzjoni ta' dan il-process fih (25) hamsa u ghoxrin volum b'aktarminn (11,000) hdax-il elf pagna u total ta' aktar minn 4.2 GB, illi l-atti tal-inkjesta wahedhom fihom (6) sitt volumi, illi l-hard disc bil-provi awdjo vizivi fih aktar minn (77) elf file, total ta' aktar minn (400) erba mitt gigabyte. Dan il-hard disc huwa esebit fl-atti tal-kawza kostituzzjonali emeritu (animo ritirandi).

Illi sal-lum l-avukati kellhom erbghin (40) gurnata sabiex jezaminaw l-atti kollha ta' dan il-process u jippreparaw difiza. Fizikament u fuq kalkolu ta' erbgha u ghoxrin siegha kuljum, minghajr irqad u minghajr ebda xoghol iehor, ifisser illi kellhom jinfethu u jigu ezaminati elf u disa mitt (900) file kuljum awdjo viziv u mitejn u hamsa u sebghin (275) pagna tal-volumi traskritti/ritratti/rapporti, circa 2000 file kuljum. Dana jikkomrendi biss ftuh u semplici qari minghajr ezami bir-reqqa tal-kontenut. Il-Prosekuzzjoni ilha snin tibni l-kaz u

naturalment rat bir-reqqa kull prova migbura u prodotta u kellha il-hin kollu biex tezaminah ufficcju shih tal-Avukat Generali jassistieha.

L-avukati jifhmu li anke din il-Qorti kellha aktar minn erbghin (40) gurnata sabiex hi stess tipprepara ruhha ghal dan il-guri bl-istaff kollu jassisti lil din l-Onorabbli Qorti.

Oltre dan, fl-istess vesti ta' avukat tal-ghajnuna legali dawn l-erbghin (40) gurnata l-avukati odjerni gew nominati sabiex jassistu persuni ohra kemm di natura civili kif ukoll di natura kriminali. In fatti fit-18 ta' Settembru, 2022 u fis-7 ta' Ottubru, 2022, Dr Farrugia kien l-avukat tal-ghassa waqt li Dr Simon Micallef Stafrace kien avukat tal-ghassa fil-21 ta' Settembru, 2022, fit-22 ta' Settembru, 2022 u l-11 ta' Ottubru, 2022. Certament ovvjament, l-avukati difensuri odjerni kellhom problema ta' hin u tal logistika cara. U ghalhekk illi l-avukati difensuri jitolbu formalment direzzjoni minn din l-Onorabbli Qorti jekk fil-fehma taghha l-perjodu ta' erbghin (40) gurnata kienx bizzejjed sabiex huma ikunu jistghu jespletaw sewwa u kif trid il-ligi l-inkarigu lilhom moghti minn din il-Qorti stess. Ilkoll kemm ahna, fl-ahhar mill-ahhar, ufficjali tal-Qorti.

L-Avukat Generali jiddikjara li huma ma ghandu xejn xi wiegeb ghal dan il-verbal.

Il-Qorti semghet il-preokkupazzjoni tal-avukati difensuri tal-akkuzati mahtura minnha bhala avukat tal-ghajnuna

legali u tirrileva illi l-ligi stess timponi terminu li fih l-akkuzat huwa moghti dritt jipprepara id-difiza tieghu liema perjodu ta' zmien huwa dak ta' ghoxrin (20) jum. Li l-Qorti tista' ghal raguni valida testendi, li l-Qorti fil-fatt estendiet it-terminu moghti mill-ligi b'iktar mid-doppju taz zmien koncess sabiex b'hekk hija l-fehma tal-Qorti li dan il-guri, li ilu appuntat ghas-smigh sa mill-bidu ta' Lulju ta' din is-sena, kien moghti ghalhekk perjodu ta' zmien twill ill-rakkuzati biex ihejju d-difiza taghhom. Mhux biss, izda l-akkuzati stess meta riskontraw diffikulta' minhabba l-avukat difensur taghhom, li kien qed jippatrocinahom irrininuzja ghall-patrocinju taghhom lejliet ic-celebrazzjoni tal-guri, il-Qorti reghhet ikkoncediet iktar zmien lill-akkuzati sabiex ifittxu jinkarigaw avukat ta' fiducja taghhom, li kienu l-akkuzati stess illi nfurmaw lill-Qorti li qed jirriskontraw diffikulta' billi ma setghux isibu avukat ta' fiducja taghhom li kien lest li jassisistiehom.

Il-Qorti ghalhekk sabet ruhha b'idejja marbutin u setghet taghmel dak biss illi l-ligi taghtieha biex taghmel u cioe` li f'cirkostanzi li persuna akkuzat ma tistax tikseb difiza permezz ta' avukat li jassistieha tahtar hija stess avukat tal-ghajnuna legali biex jipprovdi difiza adekwata lill-akkuzati.

Kif inghad wara li sehh dan, il-Qorti kkoncediet iktar zmien lill-avukati tal-ghajnuna legali biex ikunu jistghu ihejju d-difiza taghhom illi dan iz-zmien kien wiehed ragonevoli li fih l-avukati nominati setghu jiehdu

konjizzjoni tal-atti u jhejju difiza sabiex ikun jista' jigi celebrat il-guri u ghalhekk il-qorti qeda tidderiegi lilla v [*recte*: lill-avukati] tal ghajnuna legali sabiex ikomplu jassistu lill-akkuzati fic-celebrazzjoni ta' dan il-guri u fl-eventwalita' li dan l-ilment taghhom ventilat quddiem il-Qorti Kostituzzjonali jigi milqugh, il-Qorti qeghda tiddikjara li se tieqaf mnnufih milli tkompli mis-smigh tal-guri.

Il-Qorti qeghda tordna wkoll illi minhabba l-kundizzjoni medika tal-akkuzat, Alfred Degiorgio huwa ghandu jkun akkumpanjat u sorveljat ghal erbgha u ghoxrin siegha (24) siegha kuljum minn tabib u nurse, li ghandhom izommu lill-Qorti aggornata bil-kundizzjoni ta sahha tieghu, jinfurmawha minnufih meta din tkun iddeterjorat.

L-akkuzati permezz tal-Avukat tieghu jezentaw lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza.

L-akkuzat, George Degiorgio ddikjara li hu ma ghandu xejn xi jghid ghal din id-domanda u l-Qorti ghandha tqis daqs li kieku huwa mhux hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu.

L-akkuzat, Alfred Degiorgio gie mistoqsi mir-Registratur xi jwiegeb ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fl-Att tal-Akkuza, w huwa wiegeb mhux hati.

Issejhu l-gurati li accedew fl-Awla biex jigi ffurmat il-panel.

Il-Qorti tordna li jissejjah isem ta' Prim Gurat.

..../..... *Omissis*

Gie ffurmat il-panel tal-gurati.

Il-Qorti giet infurmata li l-ahhar rikors li sar mill-akkuzati sabiex il-guri jigi pospost giet michuda mill Qorti Kostituzzjonali b'digriet tal-lum stess liema digriet ser jigi notifikat dalwaqt lill-akkuzati.

Inghata l-gurament lill-gurati.

Inqrat l-Att tal-Akkuza lill-gurati mir-Registratur.

Il-Qorti infurmat lill-gurati illi iz-zewg akkuzati wiegbu li mhumiex hatja ghall-akkuzi migjuba kontriehom fl-att tal-akkuza.

L-Imhallef indirizzat lill-gurati preliminarjament.

Peress li saru l-11.37 a.m., il-guri gie sospiz ghall-break tal-cafe u gie aggornat ghall-12pm.

Il-Qorti qeghda tordna li l-akkuzat, Alfred Degiorgio jinzamm taht sorveljanza mit-tobba u nurses u anke meta jigi mibghut lura gewwa l-Agenzija ghas-Servizzi Korrettivi, l-akkuzat, Alfred Degiorgio ghandu jinzamm taht sorveljanza medika kontinwa.

Meta rega' ssejjah il-guri dehru l-akkuzati, George Degiorgio u Alfred Degiorgio assistiti minn Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr Martin Farrugia.

Deher Dr. Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali assistit minn Dr. Giannella Busuttil.

Dehru wkoll il-parte civile assistit minn Dr Jason Azzopardi u Dr Therese Comodini Cachia.

Dr Philip Galea Farrugia nforma lill-Qorti li l-parte civile debitament kostitwita rapprezentata minn Dr Peter Caruana Galizia u Matthew Caruana Galizia ser jixhdu f'dawn il-proceduri u talab li d-difiza tiddikjara jekk hemmx oggezzjoni li jkunu prezenti fil-kors tas-smigh tal-guri billi huma ukoll xhieda.

Id-difiza tiddikjara kollegjalment li ma hemm l-ebda oggezzjoni.

Issejjhu l-gurati li accedew fl-awla.

Dr. Philip Galea Farrugia beda r-rekwizitorja tieghu.

Peress li saru s-1.00 p.m., ir-rekwizitorja tal-Avukat Generali giet sospiza w il-gurati rtiraw mill-Awla ghall-break tal-ikel.

Il-guri gie aggornat ghat-3:00 p.m.

Meta rega' ssejjah il-guri dehru l-akkuzati, George Degiorgio u Alfred Degiorgio assistiti minn Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr MartinFarrugia.

Deher Dr. Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali assistit minn Dr. Giannella Busuttil.

Dehru wkoll il-parte civile assistit minn Dr Jason Azzopardi u Dr Therese Comodini Cachia.

Dr Simon Micallef Stafrace u Dr Martin Farrugia ghall-akkuzati qed jiddikjaraw illi l-akkuzati biddlu l-pozizzjoni taghkom b'dikjarazzjoni maghmula minnhom dalghodu u jixtiequ iwiegbu li huma hatja tal-akkuzi lilhom addebitati. Minhabba l-kundizzjoni ta' sahha medika tal-akkuzat, Alfred Degiorgio, il-Qorti hatret lil Dr Mario Scerri u l-psikjatra, Dr Beppe Micallef Trigona sabiex jezaminaw liz-zewg akkuzati bil-ghan li jigi determinat jekk huma mhumiex qed jifhmu l-import tad-dikjarazzjoni minhom maghmula. Il-Qorti hija nfurmata li l-esperti diga` ezaminaw lill-akkuzati u huma f'pozizzjoni li jghixu u jsegwu l-guri.

Xehed Dr Mario Scerri bil-Malti u bil-gurament tieghu.

Xehed Dr Beppe Micallef Trigona bil-Malti u bil-gurament tieghu.

L-akkuzat George Degiorgio mistoqsi mill-Qorti qed iwiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fl-Att tal-Akkzua.

L-akkuzat Alfred Degiorgio mistoqsi mill-Qorti qed iwiegeb li huwa hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu fl-att tal-akkuza.

Il-Qorti fehmet liz-zewg akkuzati bil-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom u fehmithom illi din l-ammissjoni minnhom registrata tista' ggorr maghha il-piena ta' prigunerija ghal ghomor u tathom zmien ghalhekk biex jahsubha mill-gdid u wara li tathom ftit taz-zmien regghet saqsiet l-istess mistoqsija lill-akkuzati u huma baqghu itennu l-ammissjoni taghhom,.

Dr Philip Galea Farrugia ghall-Prosekuzzjoni qed jipprezenta rikorsi konguntiv tal-Prosekuzzjoni u d-difiza, ghal liema rikors kien hemm l-adezjoni tal-parte civile fejn intlahaq patteggament bejn il-partijiet dwar il-piena li l-Qorti tista' tinfliggi fuq l-akkuzati.

Il-Prosekuzzjoni, id-difensuri tad-difiza, id-difensuri tal-parte civile iddikjaraw li ma ghandhomx sottomissjonijiet ulterjuri fuq il-piena.

Issejhu l-gurati li accedew fl-Awla u l-Qorti ezentathom milli jkomplu jsegwu dawn il-proceduri.

Il-kawza giet posposta ghas-sentenza.

Meta regghet issejjhet il-kawza dehru l-hatja, George Degiorgio u Alfred Degiorgio assistiti minn Dr. Simon Micallef Stafrace u Dr Martin Farrugia.

Deher Dr. Philip Galea Farrugia ghall-Avukat Generali assistit minn Dr.Giannella Busuttil.

Dehru wkoll il-parte civile assistit minn Dr Jason Azzopardi u Dr Therese Comodini Cachia.

Inghatat sentenza.

7. Maghmula din ir-rassenja, isegwu issa il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti kwantu l-ewwel aggravju senjatament billi jkun osservat dak li qalet id-difiza fis-sottomissjonijiet orali taghha quddiem din il-Qorti. L-abbli difensuri tal-akkuzati isostnu illi l-ewwel aggravju huwa dwar decizjoni tal-Qorti li hija maghmula minn zewg komponenti, jigifieri li l-guri ghandu jitkompla u li l-avukat tal-Ghajnuna Legali ghandhom ikomplu jassistu lill-akkuzati minkejja l-ilment taghhom li ma kellhomx bizzejjed zmien ihejju d-difiza;

8. L-akkuzati, izda, donnhom mhux qed jifhmu l-eccezzjoni mressqa mill-Avukat Generali li fi kliem iehor hi mfassla b'mod li minkejja li tressaq aggravju fuq d-digriet tal-Qorti, r-rikors tal-appell ma jakkludix talba ghat-thassir jew riforma ta' l-istess digriet. Dan kien iccarat ulerjorment fis-sottomissjonijiet orali tal-Avukat mill-Ufficcju tal-Avukat Generali meta tenna li fl-ebda parti tat-talba tal-appellanti ma hemm talba ghar-revoka ta' dan id-digriet. Fl-istess nifs, l-

Avukat Generali tghid illi dan kollu xorta wahda huwa rrelevanti ghaliex wara kollox digriet interlokutorju mhuwiex appellabbli quddiem din il-Qorti;

9. Hija l-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti illi l-appellanti qed jistriehu fuq dak li jipprovdi l-artikolu 415 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirraviza s-segwenti:

> **415. (1) L-appell minn digriet interlokutorju li ma jzommx il-kawza milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien mal-appell minn din is-sentenza.**
>
> **(2) Jekk is-sentenza definittiva ma tkunx appellabbli, ma jinghatax lanqas appell mid-digriet interlokutorju**
>
> **(3) L-esekuzzjoni volontarja ta' digriet interlokutorju ma ggibx li dan id-digriet ma jistax ikun appellat**
>
> **(4) L-appell mill-mertu tal-kawza jgib mieghu l-appell mid-digrieti interlokutorji, ghalkemm dawn id-digrieti ma jkunux gew imsemmijin specifikatament.**

10. Jibda biex jinghad illi dan il-provvediment jinsab f'dik it-taqsima tal-Kodici Kriminali intestata Sub-titolu III – Fuq l-appelli mis-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Hemm diversi disposizzjonijiet tal-ligi applikkabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li huma fl-istess waqt applikabbli ghall-Qorti Kriminali jew dik tal-Appell Kriminali u vice versa, b'dan

illi jew ghaliex tghid l-ligi jew ghaliex kien hekk deciz mill-Qrati taghna maz-zminijiet. Dak li tipprovdi l-ligi fl-artikolu 415, izda, ma huwiex wiehed li japplika ghal din il-Qorti la darba mhux espressament imsemmi fl-artikolu 512 li jaghmel applikabbli l-provvedimenti tal-ligi hemm indikati;

11. Inoltre, qed issir referenza ghas-sentenzi senjalati mill-Avukat Generali fis-sottomissjonijiet orali u ghal dan il-ghan qed tkun citata parti mis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Mario Camilleri** deciza minn din il-Qorti fis-26 t'April, 2012 fejn kien ritenut:

**"13. Il-kompetenza ta' din il-Qorti hi arġinata bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 497 sa 515 tal-Kodiċi Kriminali u b'mod partikolari b'dak li jipprovdi l-artikolu 499 tal-istess Kodiċi. Dak l-artikolu jipprovdi li jista' jsir appell minn sentenza tal-Qorti Kriminali lil din il-Qorti fuq talba ta' l-Avukat Ġenerali jew ta' l-akkużat 'minn kull decizjoni mogħtija wara l-qari ta' l-att ta' l-akkuża' u dan 'fuq kull waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449(1)(a), (b), (c), (d), u (g) u minn kull deċiżjoni fuq leċċezzjoni ta' inammissibbiltà ta' provi'. Tista' tappella wkoll lil din il-Qorti skont l-artikolu 500(1) 'Persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuża'. Għalhekk il-kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi appelli li jsirulha tippostula deċiżjoni li tkun ingħatat wara l-qari ta' att ta' akkuża fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija flartikolu 449(1)(a)(b)(c)(d) u (g) tal-Kodiċi Kriminali jew deċiżjoni fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi jew persuna misjuba ħatja fuq att ta' akkuza. L-appell odjern ma hux minn deċiżjoni li ingħatat fuq xi waħda mill-eccezzjonijiet msemmija u anqas minn xi deċiżjoni fuq l-eccezzjoni ta' inammissibilita' ta' provi u l-appellant ċertament anqas hu persuna misjuba ħatja. Għalhekk ma jirriżultax li din il-Qorti għandha kompetenza tiddeċiedi dan l-appell.**

**"14. Fil-kors tat-trattazzjoni orali quddiem din il-Qorti l-appellant permezz tal-konsulent legali tiegħu għamel riferenza għal dak li jipprovdi l-artikolu**

**415 tal-Kodiċi Kriminali sabiex jipprova jislet argument a contrariu sensu li appelli minn digrieti interlokutorji huma wkoll ammessi meta d-digriet interlokutorju in kwistjoni jkun iżomm il-kawża milli titmexxa 'l quddiem. Huwa ssottometta li d-deċiżjoni appellata li ddiferiet il-ġuri sine die effettivament kienet tali li żżomm il-ġuri milli jimxi 'l quddiem u għalhekk kienet appellabbli. Apparti l-kunsiderazzjoni jekk differiment ta' kawża sine die tinkwadrax bħala deċiżjoni li żżomm il-kawża milli timxi 'l quddiem dak li hu determinanti, iżda, huwa li l-artikolu ċitat mill-appellant jinsab fis-sub-titolu tal-Kodiċi Kriminali intestat 'Fuq l-Appelli mis-Sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura'. Kjarament, għalhekk ma hux applikabbli għall-appell ta' llum li huwa appell minn deċiżjoni tal-Qorti Kriminali. Anqas jista' b'xi mod dak l-artikolu jiġi estiż b'analoġija għal appelli lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali tenut kont tal-fatt li d-dispożizzjonijiet relevanti li jirregolaw il-kompetenza ta' din il-Qorti ma jipprovdux għal tali appell lil din il-Qorti minn deċiżjonijiet bħal dawk imsemmija fl-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali u 'mhux lecitu li l-Qorti tikkonferixxi dritt ta' appell meta l-legislatur ma jkunx ta dan id-dritt'**

12. Illi dan l-insenjament kien ukoll abbracjat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Marcellus sive Marcel Agius** tas-26 ta Frar, 2020 ukoll invokata mill-Avukat Generali li regghet affermat illi ma hemm ebda appell minn digrieti moghtija wara l-qari tal-att ta' akkuza u qabel it-twegiba tal-akkuzat ghajr ghal dawk imsemmija fl-artikolu 409 tal-Kodici Kriminali. Jinghad ukoll illi meta l-artikolu 500 imbaghad jaghti d-dritt ta' appell lill-akkuzat misjub hati ta' att ta' akkuza fis-subartikolu (1) jew lill-Avukat Generali fis-subaritkolu (2) tieghu, jaghmel hekk "kontra d-dikjarazzjoni ta' htija taghha fil-kazijiet kollha jew kontra s-sentenza moghtija fuq id-dikjarazzjoni ta' htija taghha". Ifisser dan li anke hawn huwa eskluz, b'mod tacitu,

d-dritt ta' appell fuq digrieti tal-Qorti anke wara l-qari tal-att ta' akkuza u wara t-twegiba ta' htija jew le mill-akkuzat;

13. Illi minkejja dan, tajjeb ukoll li ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** fejn f'appell dwar cahda ghar-rikuza tal-Onorevoli Imhallef li kien qed jippresjedi, ossia kien ser jibda jippresjedi l-guri, din il-Qorti, rriteniet hekk: "*Din il-Qorti tibda biex tghid li ghandha d-dubji taghha kemm seta' jsir appell mid-decizjoni tat-8 ta' Novembru, 2003 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tar-rikuza u dan in vista ta' dak li jiddisponi s-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 499 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-artikolu 499 tal-istess Kodici. Il-Qorti pero' tosserva li f'kaz simili deciz fit-23 ta' Jannar, 2001 fil-kawza fl-isemijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja** din il-Qorti – allura diversament komposta.... Kienet irriteniet li ghandha tmur mill-ewwel ghall-qofol tal-vertenza minghajr ma tidhol fi kwistjonijiet procedurali u dan principalment in omagg ghall-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-bniedem. Infatti din il-Qorti f'dik id-decizjoni kienet esprimiet ruhha fis-sens li aktar importanti minn jekk setax effettivament isir appell bil-mod kif sar u meta sar "...hu hafna aktar essenzjali u fondamentali li jigi deciz jekk oggettivament hemmx raguni valida biex l-Onorevoli Imhallef Dr. Vincent DeGaetano li lilu gie assenja il-kaz prezenti, ghandux jastjeni ruhu, indipendentement ekk din hix strettament eccejzzjoni ta' rikuza jew hekk hijiex talba specjali u sui generis biex huwa ma jibqax jiehu konjizzjoni tal-kaz.*""

14. Minkejja din il-posizzjoni kif espressa fis-sentenza appena citata, irid jitqies ukoll illi l-kwistjoni odjerna hi wahda ta' ordni pubbliku regolanti l-procedura f'kawza penali fejn jekk kulhadd jithalla jadixxi lill-Qorti f'kull haga li tigih f'rasu minghajr ma jaderixxi ruhu mar-regoli statutorji, allura jkun hemm il-possibbilita' li s-sistema tikkrolla. Aktar ricenti fi zmien, din il-Qorti kienet rinfaccjata b'eccezzjoni simili ghal dik in disamina fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Ahmad Aziz** tas-26 ta' Jannar, 2023 u bhal fil-kazi citati *supra* qatghetha li ma kienx hemm dritt ta' appell minn decizjonijiet tal-Qorti li huma 'l hinn minn dawk imsemmija fl-artikolu 499 kif ukoll li l-artikolu 415 mhux applikabbli ghall-Qorti tal-Appell Kriminali;

15. Din il-Qorti tqis illi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali ma tistax tkun mwarrba jekk mhux ghaliex msahha b'decizzjoni li tiggustifika ghaliex ghandha prattikament tmur kontra dak li jiddisponi l-Kodici Kriminali. Mill-banda l-ohra, ghandha l-konfort li l-ilment tal-appellanti fl-ewwel aggravju taghhom intrinsikament jifforma parti mit-tieni aggravju fejn il-Qorti ser ikollha taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha xorta wahda. Ghalhekk ma tara ebda raguni ghaliex ghandha tibqa' tikkunsidra dan l-ewwel aggravju wara l-eccezzjoni tal-Avukat Generali li timmerita akkoljiment. Ghalhekk ukoll, dan l-aggravju qed ikun dikjarat irritu u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-eccezzjoni precedenti tal-Avukat Generali li ma hemm l-ebda talba ghat-thassir jew ghat-tibdil kwantu dan l-aggravju;

**It-tieni aggravju**:

**<u>Appell mis-sentenza tal-14 ta' Ottubru, 2022</u>**

**(1) <u>"Aggravju bis-sejba htija bazata fuq ammissjoni mhux mixtieqa."</u>**

16. Kif gia osservat, it-tieni aggravju huwa maqsum f'zewg ilmenti, wiehed li jolqot liz-zewg appellanti u l-iehor li fih ghandu interess biss l-appellant Alfred Degiorgio. F'din l-ewwel parti tat-tieni aggravju, l-akkuzati jilmentaw li ma kellhomx opportunita' sufficjenti biex jitkellmu mal-avukati difensuri taghhom assenjati lilhom mill-Qorti ghaliex is-sistema tal-guri hi tali li wara kull jum ta' smigh l-akkuzati jittiehdu immedjatament fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. F'dan il-kaz, l-avukat tal-ghajnuna legali stess ddikjaraw li ma kinux f'qaghda jezaminaw ix-xiehda kumpilata u ghalhekk ma kellhomx l-opportunita' jiddiskutu d-difiza taghhom. Dan igib mieghu nuqqas ta' *parity of arms* meta paragunat ma' sitwazzjoni fejn akkuzat ikun assistit minn avukat ta' fiducja tieghu li jkun ha konjizzjoni adegwata tal-kaz kif jitlob dan il-principju. L-appellanti isostnu li l-principju tal-*parity of arms* irid li l-akkuzat ikollu avukat ta' fiducja tieghu, li dak l-avukat jiehu konjizzjoni adegwata tal-kaz u li jkun hemm zmien adegwat sabiex l-akkuzat u l-avukat tieghu jiddiskutu l-linja difensjonali, b'dan illi "*l-ammissjoni tal-akkuzati ma kienitx wahda hielsa*". Fis-sottommissjonijiet orali tieghu, l-abbli avukat tal-appellanti, issa l-avukat minnhom inkarigat, ghamel referenza ghal diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-smigh xieraq u l-principju tal-jedd ghall-*adverserial hearing* inkluz il-linji gwida msejsa fil-

Handbook tal-istess qorti Ewropea u din il-Qorti hadet d-debita konjizzjoni taghhom;

17. L-Avukat Generali twiegeb ghall-din il-lanjanza inizjalment b'mod generali billi tallega li l-akkuzati kienu rrikorew ghal diversi tattici ta' dilungar sabiex jistultifikaw il-proceduri penali fil-konfront taghhom. B'mod aktar dirett tqis illi dan l-aggravju huwa frivolu u vessatorju ghaliex l-ammissjoni tal-akkuzati ma kinitx kontemplata proprju fid-data tac-celebrazzjoni tal-guri izda ferm qabel meta kienu assistiti mill-avukat ta' fiducja taghhom meta gimghat qabel kienu bdew trattativi ghall-possibbli patteggjament mal-ufficcju taghha. Kwantu ghall-allegat lezjoni tal-jedd tal-*parity of arms*, l-Avukat Generali tqis illi l-appellanti kienu notifikati bid-data tas-smigh tal-guri fil-bidu ta' Lulju, 2022, jigifieri xejn anqas minn tlett xhur qabel. Inoltre anke wara r-rinunzja tal-avukat ta' fiducja taghhom u n-nomina tal-avukati tal-Ghajnuna Legali, d-difiza kellha tnejn u erbghin jum sabiex thejji ruhha liema zmien huwa aktar mid-dopju taz-zmien minimu stabilit mil-ligi. It-twegiba tal-Avukat Generali tghalaq bl-allegazzjoni li l-ammissjoni maghmula mill-akkuzati ma sehhitx bhal lehha ta' berqa ghaliex it-trattativi li sehhew fl-14 t'Ottubru 2022 [il-jum tal-guri] dwar il-piena damu madwar saghtejn u nofs biex wasslu ghall-qbil;

18. Jibda biex jinghad illi l-Qorti qed taghmilha cara minnufih illi dak li issollevat l-Avukat Generali dwar li t-trattativi ghall-patteggjament sehhew ferm qabel il-jum tac-celebrazzjoni tal-guri meta l-akkuzati kienu assistiti mill-avukat ta' fiducja taghhom, bl-ebda mod mhu ser ikun

konsiderat bhal ammissjoni fih inniffsu. Il-fatt li akkuzat jew akkuzata jkunu avvicinaw lill-prosekuzzjoni bil-ghan li jippatteggaw dwar il-piena ma jfissirx u ma ghandu qatt jittihed bhala ammissjoni jekk dawk it-trattativi ma jkunux wasslu ghar-rizultat mixieq;

19. Ventilat dan, irid jinghad ukoll illi f'din il-lanjanza, f'paragrafu qasir l-akkuzati jintroducu l-kwistjoni tal-allegat element psikjatriku biex jallegaw li l-ammissjoni taghhom ma kinitx wahda hielsa. Fil-parti konklussiva tal-aggravju taghhom, izda, l-ilment taghhom huwa cirkostritt hekk: "*Ghaldaqstant l-ammissjoni ta' htija, u s-segwenti patteggament fuq il-piena ghandhom jitqiesu li ma inghatawx b'mod hieles f'kuntest ta' smigh xieraq u f'kuntest ta' parity of arms, u ghalhekk ghandhom jitqiesu li huma invalidi u bla ebda konsegwenza legali in rigward. Jekk l-ammissjoni u s-segwenti* [*recte*: sussegwenti] *patteggament jitqiesu nulli u bla effett, is-sentenza hawn appellata ma tibqax tregi u ghandha ghalhekk tigi annullata u/jew revokata*";

20. Illi l-qofol tal-kwistjoni hawn devoluta huwa l-allegazzjoni li l-avukati tal-Ghajnuna Legali assenjati lilhom mill-Qorti Kriminali, wara li l-avukat ta' fiducja taghhom rrinunzja ghall-patroncinju, ma kellhomx bizzejjed zmien sabiex ihejju ghad-difiza taghhom, liema fatt donnu wassalhom sabiex jirregistraw ammissjoni. L-ezami ta' dan l-ilment jehtieg qabel xejn li jkun dokumentat l-ftehim in kwistjoni li jinsab a fol. 1817 tal-inkartament quddiem il-Qorti Kriminali. Dan huwa rikors tal-14 t'Ottubru 2022 li huwa wiehed kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzati George u Alfred Degiorgio li jghid hekk:

Illi l-partijiet qeghdin jaqblu fit-termini ta' l-Art. 453A tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta illi in vista ta' l-ammissjoni da parti tar-rikorrenti akkuzati George Degiorgio u Alfred Degiorgio rregistrata seduta stante llum l-14 ta' Ottubur 2022 ghall-akkuzi kollha dedotti fil-konfront taghhom fl-Att ta' l-Akkuza fl-ismijiet fuq premessi (sitt kapi), il-piena li ghandha tigi inflitta fuq kull wiehed mill-akkuzati George u Alfred Degiorgio ghandha tkun dik ta' erbghin (40) sena prigunerija effettivi, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni ohra applikabbli ex lege ghall-akkuzi li dwarhom giet ammessa l-htija, nkluz ukoll il-hlas ta' sehem mill-ispejjez peritali nkorsi in konnessjoni mal-proceduri fl-ismijiet fuq premessi.

21. Illi mill-aspett procedurali mill-mument li kienet registrata ammissjoni 'l quddiem, din il-Qorti jidhrilha illi l-agir tal-Qorti Kriminali kien wiehed korrett. L-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

**453** (1) Jekk l-akkuzat bhala twegiba ghall-mistoqsija li ghandha ssir skond l-artkolu 450, jistqarr li hu hati tar-reat, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u taghtih ftit taz-zmien biex jarga' lura minnha. Izda, jekk l-akkuzat jibqa' jtenni dik it-twegiba, din it-twegiba tigi irregistrata u l-qorti tghaddi 'l quddiem biex taghti lill-akkuzat dik is-sentenza li ghandha tinghata skont il-ligi kontra akkuzat li jinsab hati tar-reat.

22. Issa, mill-verbal tal-Qorti irrizulta illi l-Onorabbli Qorti Kriminali marret oltre dak li jipprovdi l-artikolu appena riprodott sabiex taccerta ruhha li dik l-ammissjoni kienet

wahda hielsa mhux biss da parti tal-akkuzat Alfred Degiorgio izda sahansitra taz-zewg akkuzati:

> Dr. Simon Micallef Starfrace u Dr. Martin Farrugia ghall-akkuzati qed jiddikjaraw illi l-akkuzati biddlu l-posizzjoni taghhom b'dikjarazzjoni maghmula dalghodu u jixtiequ iwiegbu li huma hatja tal-akkuzi lilhom addebitati. Minhabba l-kundizzjoni ta' sahha medika tal-akkuzat, Alfred Degiorgio, il-Qorti hatret lil Dr. Mario Scerri u l-psikjatra, Dr. Beppe Micallef Trigona sabiex jezaminaw liz-zewg akkuzati bil-ghan li jigi determinat jekk huma mhumhiex qed jifhmu l-import tad-dikjarazzjoni minnhom maghmula.

23. A propozitu, tajjeb li jkun mfakkar dak wisq drabi osservat mill-qrati taghna dwar il-verbali tal-qrati u per ezemplari ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin J. Camilleri** (App Krim 20.01.1995): "*Anke recentement, fis-sentenza ta' din il-Qorti (diversament preseduta) tat-28 t'April, 1993 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Mohnani, fejn il-kwistjoni kienet simili ghal dik odjerna, intqal li 'din il-Qorti ma tistax thares b'leggerezza ghal verbal ta' Qorti ohra fis-sens illi dawn ghandhom jaghmlu stat fil-konfront tal-partijiet almentu prima facie sakemm ma jirrizultax evidenti li tnizzel xi haga bi zball'* ". Fil-kaz odjern, l-appellanti ma allegaw ebda zball jew skorrettezza fil-verbal tal-qorti;

24. Illi mill-istess verbal jemergi illi wara li xehedu Dr. Mario Scerri u Dr. Beppe Micallef Trigona, l-Qorti staqsiet liz-zewgl akkuzati, wiehed wiehed, x'qed iwiegbu ghall-akkuzi u

wara li wiegbu li kienu hatja ghaddiet biex tfissrilhom il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghhom inkluz il-piena li tista' tkun erogata u tathom zmien biex jahsbuha mill-gdid wara liema zmien u wara li regghu ntalbu affermaw l-ammissjoni taghhom. Il-Qorti imbaghad wara li sejhet biex jiddahhlu l-gurati u ghaddiet biex tezenthom milli jkomplu jisimghu l-kawza, ghaddiet biex tipprolata s-sentenza. B'hekk kien sodisfatt fl-intier tieghu l-vot tal-ligi kif sancit fl-artikolu 453 tal-Kodici Kriminali;

25. Maghmula din l-osservazzjon, tissokta issa l-Qorti bl-ezami tal-ilment tal-akkuzati dwar l-allegat nuqqas ta' smigh xieraq mill-ottika tal-ligi penali. Kif, gia senjalat, l-akkuzati ghamlu referenza ghall-diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Qorti ser ticcita wahda minnhom minkejja li ezaminat kull wahda minnhom invokata. Fis-sentenza **Gregacevic vs Austria** (Application 58331/09 – First Section 10.07.12 – Finali fl-10.10.12) l-Qorti ta' Strasbourg ddecidiet li kien hemm lezjoni tal-jedd kif sancit fl-artikolu 6(3) tal-Konvenzjoni u qed ikunu hawn riprodotti l-partijiet li din il-qorti jidhrilha l-aktar relevanti:

> 49. The Court reiterates that the key principle governing the application of Article 6 is fairness. The right to a fair trial holds so prominent a place in a democratic society that there can be no justification for interpreting the guarantees of Article 6 § 1 of the Convention restrictively (see *Moreira de Azevedo v. Portugal*, 23 October 1990, § 66, Series A no. 189, and *A.B. v. Slovakia*, no. 41784/98, § 54, 4 March 2003).
> 50. The concept of a fair hearing implies, *inter alia*, the right to adversarial proceedings, according to which the parties must have the opportunity not only to make known any evidence needed for their claims to succeed, but also to have knowledge of, and comment on, all evidence adduced or observations filed, with a view to influencing the court's decision (see *Nideröst-Huber v. Switzerland*, 18 February 1997, § 24, *Reports of Judgments and Decisions* 1997-I, and *Mantovanelli v. France*, 18 March 1997, § 33, *Reports* 1997-II). In this respect, the Court notes that it is possible that a procedural situation which does not place a party at any disadvantage vis-à-vis his or her opponent still represents a violation of the right to

adversarial proceedings if the party concerned did not have an opportunity to have knowledge of, and comment on, all evidence adduced or observations filed, with a view to influencing the court's decision (see *Krčmář and Others v. the Czech Republic*, no. 35376/97, §§ 38-46, 3 March 2000).

51. The Court further reiterates that Article 6 § 3 (b) guarantees the accused "adequate time and facilities for the preparation of his defence" and therefore implies that the substantive defence activity on his behalf may comprise everything which is "necessary" to prepare the main trial. The accused must have the opportunity to organise his defence in an appropriate way and without restriction as to the ability to put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings (see *Mayzit v. Russia*, no. 63378/00, § 78, 20 January 2005; *Connolly v. the United Kingdom* (dec.), no. 27245/95, 26 June 1996; *Can v. Austria*, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, Series A no. 96, § 53; and *Moiseyev v. Russia*, no. 62936/00, § 220, 9 October 2008). When assessing whether the accused had adequate time for the preparation of his defence, particular regard has to be had to the nature of the proceedings, as well as the complexity of the case and stage of the proceedings (see *X. v. Belgium*, no. 7628/76, Commission decision of 9 May 1977, Decisions and Reports (DR) 9, p. 172, and *Albert and Le Compte v. Belgium*, 10 February 1983, § 41, Series A no. 58).

52. Since the requirements of Article 6 § 3 are to be seen as particular aspects of the right to a fair trial guaranteed by Article 6 § 1, the Court will in this case examine the complaints under Article 6 § 1 and 3 (b) taken together (see, *mutatis mutandis*, *Van Mechelen and Others v. the Netherlands*, 23 April 1997, § 49, *Reports* 1997-III).

*(ii) Application of these principles to the present case*

53. The Court firstly observes that the present case concerned criminal charges against the applicant for alleged offences committed in connection with business transactions between companies. The Court notes that the trial court commissioned an accounting report, examined witnesses and obtained documentation from various commercial banks and other entities. The Court considers that the case that might be considered complex (see *Rösslhuber v. Austria*, no. 32869/96, § 30, 28 November 2000; *Hoffen v. Liechtenstein*, no. 5010/04, § 49, 27 July 2006; and *Meidl v. Austria*, no. 33951/05, § 56, 12 April 2011) required the domestic courts to have particular regard to the rights of the defence to have knowledge of all the evidence adduced during the trial and to have necessary time and facilities to effectively put all relevant defence arguments before the trial court and thus to influence the outcome of the proceedings.

54. The Court notes that the applicant's complaints concern two items of evidence which were presented to the defence at the final hearing on 18 July 2007: two envelopes containing documents submitted by the police and D.D.'s written observations of 13 July 2007.

…/…

58. Therefore, the Court considers that by informing the defence only briefly of the substance of the documents submitted by the police at the final hearing, in a complex fraud case, and by not allowing the defence the time to examine the documents and prepare a response, the domestic courts cannot be said to have complied with the requirements of Article 6 §§ 1 and 3(b) of the Convention.

26. Fil-kaz appena citat, izda, il-kwistjoni hemm devoluta kienet diversa minn dik odjerna ghaliex l-ilment kien dwar zewg dokumenti godda ipprezentati mill-prosekuzzjoni waqt is-smigh tal-kawza minghajr ma inghata zmien sufficenti lid-difiza li tirregola ruhha. L-inferenzi li jistghu isiru minn dan il-kaz, ghalhekk, huma ftit jekk xejn. Fil-fatt, iccitaw ukoll sentenza ohra tal-QEBD – ***Borisova vs Bulgaria*** (App. Nr 56891/00 tat-12.12.2006 – li wkoll ma tghoddx ghal dan l-appell minhabba li l-provi mressqa f'dak il-kaz ukoll tressqu dak il-hin stess li kien issejjah il-kaz (para 42-4). L-appellanti ccitaw ukoll il-**Human Rights Handbook, No. 3 – The right to a fair trial – A guide to the implementation of Article 6 of the European Convention on Human Rights** fejn fil-parti intestata **Equality of arms and the right to adversarial proceedings** (fol 46 *et seq.*) hemm provdut hekk:

> **The right to a fair hearing incorporates the principle of equality of arms**.
> This means that **everyone who is a party to proceedings must have a reasonable opportunity of presenting his case to the court under conditions which do not place him/her at a substantial disadvantage *vis-à-vis* his/her opponent.** A fair balance must be struck between the parties.248
>
> The right to a fair hearing also incorporates the right to adversarial proceedings, which means in principle the opportunity for parties to a criminal or civil trial to have **knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed**.249 In this context particular importance is to be attached to the appearance of the fair administration of justice.250
>
> These principles apply to **both criminal and civil proceedings**.
>
> In criminal cases, they overlap with some of the specific guarantees of Article 6 (3), but are not confined to those aspects of the proceedings. For example, the Court held in the case of *Bönisch v. Austria*251 that when an expert witness appointed by the defence isnot accorded the

same facilities as one appointed by the prosecution or the court, there is a violation of Article 6 (1).

Further, the Commission held, in *Jespers v. Belgium*,252 that the equality of arms principle read together with Article 6 (3) *b* imposes an **obligation on prosecuting and investigating authorities to disclose any material in their possession, or to which they could gain access, which may assist the accused in exonerating himself or in obtaining a reduction in sentence.** This principleextends to material which might undermine the credibility of a prosecution witness. In *Foucher v. France*253 the Court held that where a defendant who wished to represent himself was denied access by the prosecutor to the case file and not permitted copies of documents contained in it and thereby was unable to prepare an adequate defence, this was a violation of the principle of equality of arms read together with Article 6 (3).

The case of *Rowe and Davis v. the United Kingdom*254 concerned the trial of the two applicants and a third man, who were charged with murder, assault occasioning grievous bodily harm and three counts of robbery. The prosecution relied substantially on evidence given by a small group of people who were living with theu applicants, and that of the girlfriend of one of the applicants. The three men were convicted of the charges, and the Court of Appeal upheld the convictions.

During the applicants' trial at the first instance the prosecution decided, without notifying the judge, to withhold certain evidence on the grounds of public interest. At the commencement of the applicants' appeal the prosecution notified the defence that certain information had been withheld, without revealing the nature of this material. Further, on two occasions the Court of Appeal reviewed the undisclosed evidence in *ex parte* hearings with submissions from the prosecution but in the absence of the defence. The Court decided in favour of non-disclosure.

The European Court pointed out that the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right and that there may be competing interests such as protecting witnesses or keeping secret police methods of investigation of crime. However,the only measures restricting the rights of the defence which are permissible under Article 6 are those which are strictly necessary. The Court held that the prosecution's assessment of the importance of concealed information did not comply with the principlesof adversarial proceedings and equality of arms. The procedure before the appeal court was not sufficient to remedy the unfairness that had been caused. This was because the judges there were dependent for their understanding of the possible relevance of the undisclosed material on transcripts from the first trial and on the account of the issues given to them by the prosecution alone. The Court accordingly found a violation of Article 6 (1).

---

248. See e.g. *De Haes and Gijsels v. Belgium*, 24 February 1997.
249. *Ruiz-Mateos v. Spain*, 23 June 1993, para. 63.

250. *Borgers v. Belgium*, 30 October 1991, para. 24.

251. *Bönisch v. Austria*, 6 May 1985.
252. *Jespers v. Belgium*, 27 DR 61.
253. *Foucher v. France*, 18 March 1997.
254. *Rowe and Davis v. the United Kingdom*, 16 February 2000.

27. Illi tajjeb li jkun imfakkar illi l-ghan ta' din il-Qorti fl-ezami tal-ilment hawn devolut mhuwiex wiehed li ghandu jwassal ghal-decizjoni jekk kienx hemm lezjoni tal-jedd ta' smigh xieraq jew le ghaliex din il-Qorti mghandhiex dik il-kompetenza moghtija lill-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali. Madankollu xorta wahda jokkorri li jsir l-ezami mehtieg biex ikun deciz jekk intlahaqx dak il-bilanc llum proverbjali bejn il-ligi u jekk din kinitx osservata b'mod li l-akkuzati jinghataw smigh xieraq. Issa, f'dan ir-rigward, jokkorri *in primis* li jkunu elenkati dawk il-ligijiet li kienu jorbtu lill-Qorti Kriminali fid-dispensa tal-kaz quddiemha;

28. L-artikolu **483(6**) tal-Kodici Kriminali jipprovdi :

**(6) L-akkuzat ghandu jigi notifikat b'avviz ta' din id-data [is-smigh tal-kawza] u jinghata lilu mill-anqas ghoxrin jum zmien biex jipprepara d-difiza. Il-qorti tista', jekk tigi murija raguni xierqa, u wara li tisma' lill-Avukat Generali,, testendi dan iz-zmien ghal kull zmien iheor li jidrilha xieraq.**

29. L-artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

30. **Bla hsara tad-disposizzjonijiet li gejjin ta' dan l-artikolu, ix-xhieda ghandhom dejjem jigu ezaminati fil-**

**qorti** ***viva voce***. ( "La darba xehed viva voce quddiem l-Istruttorja jerga' jixhed viva voce quddiem il-guri, jekk ma jistax, tinqara x-xiehda tieghu … **Repubblika vs Francis Casalletto** – App Krim 22.3.1985)

31. Il-**L.S. 9.11** (Regoli tal-Qorti Dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati u l-Bon Ordni (Kodici Kriminali) (AL 280/2008) fir-regolament numru 2 tieghu jipprovdi:

> **2.(1) Rikors wieħed biss għall-posponiment ta' ġuri kriminali, bażat fuq l-indisponibbiltà tal-avukat, jista' jiġi milqugħ.**
>
> **(2) Il-Qorti Kriminali, meta tittratta rikors bħal dan, għandha tinnomina l-Avukat għall-Għajnuna Legali jew avukat ieħor biex jassumi d-difiża tal-akkużat, jekk l-avukat magħżul mill-akkużat ma jidhirx fil-ġurnata li għaliha l-ġuri jkun tħalla.**

32. Illi mequsa l-principji tal-*parity of arms* kif emergenti mis-sentenza **Gregacevic** u mill-Handbook citati *supra*, jemergi illi huwa minnu li l-kaz in disamina huwa wiehed voluminuz kwantu n-numru ta' xhieda inkluz xiehda ta' esperti nominati mill-Qorti Istruttorja. Huwa minnu ukoll illi meta qorob il-zmien li fih kellu jkun celebrat il-guri, l-avukat ta' xelta tal-akkuzati rrinunzja ghall-patroncinju taghhom u li minfloku kienu nominati avukati tal-Ghajnuna Legali. Jirrizulta izda, illi dawn tal-ahhar kellhom aktar minn erbghin jum sabiex jezaminaw il-kaz, liema zmien huwa aktar mid-doppju rakkomandat mil-ligi, u li fi kwalunkwe kaz kull xhud li ddepona quddiem il-Qorti Istruttorja matul l-istadju tal-

Kumpilazzjoni kien ser ikollu jixhed quddiem l-akkuzati mill-gdid hlief fejn il-ligi tiddisponi mod-iehor bil-fakultajiet kollha li taghti l-ligi ghall-kontro-ezami taghhom. Gia hawnhekk il-kwisjtoni titbieghed mic-cirkostanzi kif postulati fis-sentenzi citati mill-akkuzati ghaliex fis-sistema taghna tal-guri ma hemmx lok ghal sorprizi u l-akkuzati ma setghux ikunu affacjati b'xhieda jew dokumenti godda;

33. Jizdied jinghad ma' dan, u dan b'kawtela kbira, li l-mod kif svolgew l-affarijiet f'dan il-kaz huma biss effett ta' dak mibdi mill-avukat ta' fiducja tal-akkuzati fis-sens illi l-patteggjament u s-sussegwenti registrazzjoni ta' ammissjoni taghhom hija biss il-konkluzzjoni ta' inizjattiva taghhom mibdija fi zmien meta kienu assistiti b'avukat ta' fiducja taghhom liema inizjattiva giet fi tmiemha proprju bit-twegiba ghal-mistoqisja tal-Qorti x'kellhom iwiegbu ghall-akkuzi migjuba kontra taghhom. Fatt dan, osservat mill-Avukat Generali u mhux kontradett jew kontestat mill-appellanti. Il-Qorti Kriminali mxiet b'kawtela kbira meta, wara li kienet registrata ammissjoni, appuntat lit-tabib Dr. Mario Scerri u lill-psikjatra Dr. Beppe Micallef Trigona sabiex jezaminaw mhux biss lill-akkuzat Alfred Degiorgio izda ukoll lill-akkuzat George Degiorgio sabiex taccerta ruhha illi l-ammissjoni taghhom kienet wahda hielsa u mhux mqanqla minn xi elementi ta' nvolontarjeta u sabiex taccerta ruhha li kienu qed jifhmu l-eghmil taghhom fir-registrazzjoni ta' dik l-ammissjoni;

34. Ghalhekk, wara li l-Qorti qieset dawn ic-cirkostanzi mill-ottika tal-provvedimenti tal-ligiijiet u gurisprudenza hawn citata inkluz dik ta' Strasbourg li tezigi bilanc u proporzonalita'

u fuq kollx ezami tal-*overall fairness of the proceedings*, ma tara ebda karenza fl-*iter procedurali* li jista' jaghti ragun lill-akkuzati f'dan l-aggravju u konsegwentement qed tichad l-istess.

**(2)<u>"Aggravju minhabba l-inabilita' ta' Alfred Degiorgio li jaghti l-kunsens totalment volontarju tieghu ghal biex tigi registrata l-ammissjoni tieghu"</u>**

35. F'dan l-aggravju li huwa mressaq biss fil-konfront tal-appellant Alfred Degiorgio, l-appellant jallega illi fil-hin li rregistra ammissjoni ma kellux il-kapacita' mentali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu. Huwa jinsisti illi minkejja li ma kellu ebda problema medika filwaqt li kien qieghed fuq astinenza minn xorb u ikel, kien xorta wahda aflitt minn djufija fizika li kellha effett fuq l-abbilita' tieghu li jirrezisiti dak li ssuggerielu jaghmel huh George Degiorgio, u fuq l-abbilita' tieghu li jifli sew il-konsegwenzi tal-ammissjoni. "*huwa kellu forza limitata li biha seta' jirrispondi ghal xi domandi li seta' ghamillu l-psikjatra pero' la kellu forzi jimxi, la kellu forza jitkellem b'vuci ferma u anqas kellu forza jirrezisti (kieku ried) dak li ssuggerielu jaghmel huh, u cioe li jammetti ghall-akkuzi kollha migjuba kontrih*";

36. L-Avukat Generali tilqa' ghal dan l-aggravju billi tghid illi l-provi juru mod iehor. "*Ma jistax ma jigix rilevat li proprju sabiex ikollha s-serhan tal-mohh u sabiex (tipprova) tevita appell frivolu bhal dak odjern, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha l-kjarezza tal-hsieb li tappunta kemm Tabib (Dr. Mario Scerri) kif ukoll Psikjatra (Dr. Beppe Micallef Trigona) sabiex taccerta ruhha li Alfred Degiorgio kellu l-kapacitajiet sia fizici u sia*

*mentali / fakoltattivi sabiex jirregistra l-ammissjoni tieghu u jifhem il konsegwenzi tal-istess. .../.... Ma jistax ma jissemmiex bhala stat ta' fatt f'dan ir-rigward illi mmedjatament wara li inghatat is-sentenza, l-appellant Alfred Degiorgio abbanduna l-messa in scena tieghu ta' ragel dghajjef, maghdur, u "bla sahha ta' xejn", qam minn fuq is-siggu tar-roti minghajr tbatija ta' xejn, u ndirizza lin-numru ta' nies u gurnalisti li kien hemm fl-Awla Kriminali u stedinhom biex imorru jzuruh il-habs halli, fi kliemu, jirrakkontalhom l-istorja kollha wara l-omicidju tal-gurnalista Daphne Caruana Galizia!*".

37. Illi f'dan l-aggravju, l-appellant Alfred Degiorgio jallega nuqqas ta' natura serjissima konsisti fil-mankanza tal-fakultajiet mentali tieghu meta rregistra ammissjoni. Kif gia intqal diversi drabi f'dawn il-kunsiderazzjonijiet, huwa palezi illi fil-jiem qabel ic-celebrazzjoni tal-guri, l-akkuzat Alfred Degiorgio kien qieghed fuq astinenza volontarja ta' ikel u xorb waqt li detenut previntvament gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. B'digriet taghha tat-3 t'Ottubru, 2022, (fol 1760) l-Qorti Kriminali hatret lit-Tabib Dr. Mario Scerri "*bhala espert mediku sabiex jaccedi gewwa l-Isptar Mater Dei u jirraporta dwar il-kundizzjoni medika sabiex tal-akkuzat, Alfred Degiorgio u il-Qorti qeghda tawtorizza lill-imsemmi espert sabiex jikseb kull informazzjoni mehtiega mit-tobba u konsulenti li qed jiehdu hseib il-kura tal-akkuzat, Alfrred Degiorgio u li jkollu access ghall-file meiku tieghu*";

38. L-espert mediku xehed u rrelata bil-fomm dwar il-kostatazzjonijiet tieghu u dan fl-udjenza tal-4 t'Ottubru, 2022 minn fejn tidher il-kostatazzjoni tieghu li "*Fizikament kien jidher dehydrated, kellu partially sunken eyes minhabba d-*

*dehydration, pero' kien orjentat ghal lok, hin u persuna u rajt nota ta' l-psikjatra li ddikjara li Degiorgio ghandu l-kapacitajiet mentali biex jiddeciedi ghalih inniffsu, u ddecieda li ma jridx jiekol u ma jridx jixrob u qed jirrifjuta trattament.* Huwa kien infurmat mill-isptar li l-gurnata ta' qabel l-4 t'Ottubru, l-akkuzat kien xorob xi haga u fuq mistoqsija tal-Qorti esprima l-fehma li jekk jibqa' jixrob ghandu jkun fizikament tajjeb fi zmien hamest ijiem. Fuq din l-informazzjoni, l-Qorti estendiet l-inkarigu ta' Dr. Mario Scerri sabiex jibda jissorvelja l-istat ta' sahha tal-akkuzat u jirrapportalha kontinwament anke bil-fomm u sabiex jinfurmaha meta jkun fizikament fi stat ta' sahha li jattendi l-Qorti u ddifferiet il-guri ghall-14 t'Ottubru, 2022;

39. Fit-13 t' Ottubru, 2022, it-Tabib Dr. Mario Scerri pprezenta relazzjoni bil-miktub bis-segwenti konkluzzjoni:

1. Illi nhar it-3 t'Ottubru 2022 l-esponenti ezamina lil **Alfred Degiorgio** fis-sala CCU tal-Isptar Mater Dei ghar-raguni li dan kien qieghed irrifjuta li jiekol u jixrob. Dan kien *dehydrated* b'*sunken eyes* u ghajjien u ma kienx f'kondizzjoni li jattendi l-qorti ghall-guri;

2. Illi wara l-ezami dan beda jixrob u jiekol u llicenzja ruhu mill-isptar l-ghada;

3. Illi fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin dan baqa' jiekol u jixrob sa nhar is-Sibt 12 t'Ottubru meta skont hu beda jirrifjuta l-ikel u x-xorb;

4. Illi ufficcjalment l-awtoritajiet tal-Facilita' Korrettiva rregistraw li dan beda *strike* tal-guh nhar il-11 t'Ottubru, 2022;

5. Illi l-esponent ezamina mill-gdid lil Degiorgio nhar it-12 t'Ottubru 2022 fl-*MI room* tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin f'12.30 pm fejn **Degiorgio** ingieb fuq *wheel chair* u kkonferma li kien fuq strajk tal-guh ghal dawn l-ahhar erbat ijiem;

6. Illi dan kien orjentat ghal-lok, hin u persuna u konxja ta' dak li kien qieghed jaghmel. Il-pressjoni u l-livell taz-zokkor tad-demm kienu normali;

7. Illi l-esponenti spjega lil **Degiorgio** l-konsegwenzi fuq sahtu jekk dan ikompli jirrifjuta l-ikel u l-ilma;

8. Illi in vista ta' dan l-esponent hu tal-opinjoni illi **Degiorgio** jista jingieb il-Qorti ghall-guri nhar il-Gimgha 14 t'Ottubru izda tal-parir illi jekk jippersisti bl-azzjoni tieghu dan ghandu ikun akkompanjat sat-tmiem tal-guri minn tim mediku b'tabib u nurse *round the clock*;

9. Illi jekk rizultat ta' nuqqas t'ikel u xorb dan jibda jkollu deterjorazzjoni fil-livell tal-konxju (*impaired level of consciousness)* dan ghandu mmedjatament jigi ezaminat minn psikjatra b'ordni tal-qorti li jiccertifka dwar l-istat mentali sabiex **Degiorgio** jista jiddahhal immedjatament l-isptar Mater Dei u jinghata l-assistenza medika necessarja fuq l-ordnijiet li joghgobha taghti din il-Qorti;

10. Illi ladarba dan jerga jigi konxju u jaghzel li titwaqqaflu l-kura parenterali *intravenuza (parenteral nutrition)* u jkompli jirrifjuta mill-gdid li jixrob u jiekol, ghandu jerga jingieb mill-gdid il-qorti biex ikompli jsegwi l-proceduri dejjem taht il-moniteragg mediku.

40. Illi wara din ir-relazzjoni, l-Qorti Kriminali ordnat illi Alfred Degiorgio jingieb il-Qorti bl-assistenza ta' tim mediku konsistenti f'tabib u nurse, li ghalhekk izommu lill-akkuzat taht sorveljanza medika. (digriet tat-13 t'Ottubru, 2022 – fol 1794);

41. Illi fil-jum tal-guri, meta allura deher ukoll l-akkuzat Alfred Degiorgio, l-Qorti ghamlet is-segwenti ordni: " *Il-Qorti qeghda tordna wkoll illi minhabba l-kundizzjoni medika tal-akkuzat, Alfred Degiorgio huwa ghandu jkun akkumpanjat u sorverjat ghall-erbgha u ghoxrin siegha (24) kuljum minn tabib u nurse, li ghandhom izommu lill-Qorti aggornata bil-kundizzjoni ta' sahha tieghu, jinfurmawha minnufih meta din tkun iddetorjorat*".

42. Illi wara l-qari tal-att tal-akkuza u wara li George Degiorgio kien meqjus li wiegeb li mhux hati stante li wegibx, u wara li Alfred Degiorgio wiegeb li mhux hati, ssejhu l-gurati. Ukoll kif gia inghad, kien wara l-waqfa ghall-ikel, bir-rekwizitorja tal-Avukat Generali sospiza, li l-akkuzati bidlu d-dikjarazzjoni taghhom ghal-wahda ta' htija u kien f'dik l-istanza li l-Qorti Kriminali hatret lit-Tabib Dr. Mario Scerri u lill-psikjatra Dr. Beppe Micallef Trigona sabiex jezaminaw <u>**liz-zewg akkuzati** "*bil-ghan li jigi determinat jekk huma mhumiex qed jifhmu l-import tad-dikjarazzjoni minnhom maghmulha*</u>".

Alfred Degiorgio kien ezaminat medikament u ma kien hemm l-ebda problemi dwaru: "*Il-hydration tieghu kien tajjeb, rajt il-parameters, l-ossigenu, oxygen saturating fid-demm kien tajjeb, il-pressjoni kienet tajba, u l-blood glucose kien tajjeb. Minn naha medika ma kienx hemm problemi*" skond id-deposizzjoni ta' Dr. Mario Scerri;

43. Illi mill-att psikjatriku, iz-zewg akkuzati kienu ezaminati separatament u Dr. Beppe Micallef Trigona xehed illi "*Iva, ezaminajthom it-tnejn li huma separatament biex inkun cert li huma ghandhom il-kapacita' mentali biex iwiegbu ghall-akkuzi f'dawn ic-cirkostanzi. Ahna nuzaw certu kriterji, jghidulhom … criteria, u t-tnejn li huma, ovvjament separatament, l-opinjoni tieghu professjonali huwa li ghandhom il-kapacita' mentali biex iwiegbu ghall-akkuzi kontrihom*". Ghal din il-fehma, l-Qorti Kriminali staqsiet jekk l-akkuzati kinux qed jifhmu x'qed jigri u l-espert wiegeb fl-affermattiv ghat-tnejn li huma. Regghet staqsiet il-Qorti: "Mr. Alfred Degiorgio huwa orjentat u qed jifhem x'qed jigri, specjalment aktar milli Mr George Degiorgio" u l-espert wiegeb fl-affermattiv. Inoltre, wara id-deposizzjoni ta' kull espert, l-Qorti staqsiet jekk kienx hemm xi mistoqsijiet mill-avukati u hadd minnhom ma rregistra xi mistoqsija;

44. Illi l-appellant Alfred Degiorgio mhux qed jallega stat ta' genn fil-hin tal-guri izda li huwa kien fi stat mentali fqir minhabba stat fiziku fqir b'tali mod li ma setax jifhem l-import tal-ammissjoni tieghu. Il-Qorti ma tistax ma tistriehx fuq il-prova emergenti mill-fehmiet tal-esperti nominati mill-Qorti u mhux kontradetti mill-akkuzati fil-hin minnhom esperiti. Tassew illi din l-allegazzjoni, u ghalhekk l-aggravju ghandha

mill-fieragh tenut kont tal-kawteli adoperati mill-ewwel Qorti li ma rat u ma inghatat ebda raguni li Alfred Degiorgio kien fi stat mentali fqir **qabel** ma inqara l-att tal-akkuza u li ghalhekk kien hemm il-htiega li jkun mahtur psikjatra. Kien biss b'kawtela u ghaqal li l-ewwel Qorti hatret espert psikjatriku **wara** li l-akkuzati biddlu id-dikjarazzjoni taghhom ghal wahda ta' htija u dan "*bil-ghan li jigi determinat jekk huma mhumiex qed jifhmu l-import tad-dikjarazzjoni minnhom maghmulha*";

45. Illi fil-kwadru ta' dan kollu ma hemm xejn censurabbli fl-operat tal-ewwel Qorti kif ukoll ma hemm xejn x'jiddimostra li Alfred Degiorgio kien fi stat mentali talment fqir li ma kienx jaf x'qed jigri meta rregistra l-ammissjoni tieghu. Ghal dawn ir-ragunjiiet, din il-parti tat-tieni aggravju qed tkun michuda.

**Ghal dawn il-motivi, l-appell ta' Alfred Degiorgio u George Degiorgio qed ikun michud fl-intier tieghu.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph R Micallef**

**Onor. Imħallef Giovanni Grixti**